



Brussell, 17 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14168/20

ENV 821
FIN 972
AGRI 483
PESTICIDE 51
PHYTOSAN 34

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Diċembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	13677/2020 + ADD1 REV1 Rapport Speċjali Nru 15/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE: l-inizjattivi tal Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fit-3782 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Diċembru 2020.

Rapport Speċjali Nru 15/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE: l-inizjattivi tal Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa"

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹;
 - Il-miżuri diġà meħuda mill-Kummissjoni Ewropea għall-konservazzjoni tal-pollinaturi, b'mod partikolari l-inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi², li tistabbilixxi objettivi strateġiċi u sett ta' azzjonijiet biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tal-pollinaturi fl-UE;
 - Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³ u dwar l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"⁴; FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza ta' dawn l-istrateġiji għall-protezzjoni tal-pollinaturi:
1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 15/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("Qorti") intitolat "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE: l-inizjattivi tal Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa"; u JAQBEL mal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-ħtieġa li jissaħħu l-qafas u l-politiki għall-konservazzjoni tal-pollinaturi fl-UE;

¹ 7515/00 + COR 1.

² 9744/18 - COM(2018) 395.

³ 12210/20.

⁴ 12099/20.

2. JENFASIZZA r-rwol vitali tal-pollinaturi għal ekosistemi b'saħħithom u għas-sigurtà tal-ikel u n-neċessità li t-tnaqqis tagħhom jitreggħa' lura; JAGĦRAF, anki fil-kuntest ta' tħassib pubbliku dejjem jikber rigward it-tnaqqis tal-pollinaturi selvaġġi, is-sejba tal-Qorti li huma meħtieġa, b'mod urġenti, sforzi biex ix-xejriet osservati jitreggħu lura billi jiġu indirizzati l-fatturi ewlenin tagħhom, kif identifikati mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi fir-Rapport ta' Valutazzjoni tagħha dwar il-Pollinaturi, il-Pollinazzjoni u l-Produzzjoni tal-Ikel (Rapport tal-IPBES dwar il-Pollinaturi);
3. JENFASIZZA li ser ikunu meħtieġa kollaborazzjoni b'saħħitha u użu adegwat tar-riżorsi biex tiġi żgurata l-koerenza bejn id-diversi miżuri u strumenti ta' politika li għandhom influwenza fuq il-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi, bħall-Patt Ekoloġiku tal-UE li jinkludi l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", il-leġislazzjoni dwar il-pestiċidi u l-Politika Agrikola Komuni (PAK);
4. JAPPOĠĠA l-proposta tal-Qorti li jintużaw strumenti ta' finanzjament immirati bħal LIFE għall-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi u għat-titjib tal-habitats tagħhom kemm fiż-żoni tan-Natura 2000 kif ukoll 'il barra minnhom; u JTENNI li l-fehim u l-kejl tal-bijodiversità, l-indirizzar tat-telf tal-bijodiversità, iż-żamma tal-ekosistemi f'kundizzjoni tajba u r-restawr tal-ekosistemi ser ikun meħtieġ investiment pubbliku u privat sinifikanti fil-livell nazzjonali u Ewropew;

Valutazzjoni tal-ħtieġa għal miżuri speċifiċi għall-pollinaturi selvaġġi

5. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal azzjonijiet addizzjonali biex jiġu indirizzati l-fatturi responsabbli għat-tnaqqis tal-pollinaturi li mhumiex ikkunsidrati fl-inizjattiva attwali tal-UE dwar il-Pollinaturi; f'dan ir-rigward JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq rieżami tal-inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi sa tmiem l-2020 u, abbażi ta' dan, tikkunsidra azzjonijiet ta' segwitu dwar il-pollinaturi fl-2021;

6. JAGĦRAF il-ħtieġa għal qafas ta' governanza u monitoraġġ fl-UE kollha, biex jiġu mmonitorjati u vvalutati b'mod effettiv l-istatus u x-xejriet tal-pollinaturi, l-impatt tal-fatturi ewlenin responsabbli għat-tnaqqis tal-pollinaturi u ta' politiki rilevanti tal-UE, kif ukoll l-impatt tal-azzjonijiet ta' konservazzjoni u restawr previsti fid-Direttiva dwar il-Habitats fuq l-ispeċijiet ta' pollinaturi; f'dan ir-rigward JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi tali qafas, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, malajr kemm jista' jkun u tiddefinixxi objettivi u indikaturi dettaljati rigward l-impenn ewlieni "Jitreġġa' lura t-tnaqqis fid-dakkir" mill-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030;
7. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu indirizzati l-lakuni fl-għarfien permezz ta' riċerka aħjar, inkluż riċerka fil-livell tal-UE, dwar l-istat attwali tal-pollinaturi u l-habitats tagħhom kif ukoll dwar il-fatturi li jwasslu għat-tnaqqis tagħhom, bil-għan li jgħinu fl-iżvilupp ta' miżuri effettivi biex jindirizzawhom; JINNOTA f'dan ir-rigward ir-Rapport tal-IPBES dwar il-Pollinaturi; JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi aġġornata l-Lista l-ħamra Ewropea fir-rigward ta' speċijiet ta' pollinaturi mhedda tal-UE;

Integrazzjoni aħjar tal-azzjonijiet għall-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-istrumenti ta' politika tal-UE li jindirizzaw il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-agrikoltura

8. JAQBEL mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-azzjonijiet għall-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi jenħtieġ li jiġu integrati aħjar fl-għodod tal-ippjanar strateġiku għall-ġestjoni tas-siti ta' Natura 2000; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jinkludu miżuri mmirati għall-pollinaturi u l-habitats tagħhom fl-oqfsa ta' azzjoni prijoritarji pluriennali (PAFs) tagħhom; JINNOTA li l-valutazzjoni ta' dawn il-miżuri jenħtieġ li tqis il-karatteristiċi bijoloġiċi u ġeografiċi ta' kull sit, kif ukoll objettivi oħra għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-habitats; ikompli JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jinkludu miżuri dwar il-pollinaturi fl-Istrateġiji Nazzjonali għall-Bijodiversità u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħhom;

9. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tqis ir-risultati tar-rieżami tal-inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi fl-implimentazzjoni tal-PAK ta' wara l-2020;
10. JINNOTA li l-proposti tal-PAK ta' wara l-2020 jipprevedu l-interventi rilevanti permezz tal-kundizzjonalità, l-ekoskemi u l-miżuri klimatiċi agroambjentali, li huma mistennija li jkollhom effett pożittiv fuq il-pollinaturi selvaġġi; u JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw l-integrazzjoni tal-miżuri li għandhom effett pożittiv fuq il-pollinaturi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

Titjib tal-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fil-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi

11. JAQBEL mal-Qorti li hija meħtieġa protezzjoni aħjar tal-pollinaturi selvaġġi fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi u matul il-fażi tal-użu tal-pestiċidi; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa indikaturi tar-riskju armonizzati aħjar li jirriflettu b'mod aktar ċar ir-riskji u l-impatt tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent;
12. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jiġi elaborat pjan ta' ħidma għall-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar ibbażati fuq ix-xjenza u għanijiet speċifiċi ta' protezzjoni għall-pollinaturi selvaġġi; JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu jappoġġaw l-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar għall-pestiċidi li jiffukaw fuq il-pollinaturi selvaġġi, inkluż l-iżviluppi fil-livell internazzjonali (eż. l-OECD, il-FAO); JIRRIKONOXXI li l-metodi attwali huma prinċipalment iffukati fuq in-naħal tal-għasel immaniġġat u n-naħal bagħli; u JENFASIZZA li l-ispeċijiet tan-naħal selvaġġ u pollinaturi oħra jenħtieġ li jiġu kkunsidrati aħjar f'dan ir-rigward;

13. JAPPELLA lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw miri speċifiċi ta' protezzjoni għan-naħal selvaġġ fir-rieżami li għaddej tad-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal u għal pollinaturi oħra fil-proġett biex tiġi żviluppata metodoloġija għall-istabbiliment ta' miri speċifiċi ta' protezzjoni għall-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-pestiċidi; u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkomplementaw l-għanijiet ta' protezzjoni għall-pollinaturi selvaġġi fil-prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u biex jintegraw għanijiet ta' protezzjoni għall-pollinaturi selvaġġi fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-bijoċidi; f'dan ir-rigward, JAQBEL mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-EFSA jenħtieġ li tirrevedi d-dokument ta' gwida tal-2013 dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għan-naħal⁵; JENFASIZZA li jenħtieġ li r-reviżjoni li għaddejja tad-dokument ta' gwida tal-2013 iżżomm livell għoli ta' protezzjoni għan-naħal immaniġġat u dak selvaġġ;
14. JIKKONDIVIDI l-fehma tal-Qorti li l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza għandhom dejjem ikunu ġustifikati b'mod adegwat sabiex jirriflettu l-ħtieġa għall-awtorizzazzjonijiet individwali u jenħtieġ li jinkludu informazzjoni speċifika dwar attivitajiet imwettqa biex jinstabu soluzzjonijiet alternattivi;
15. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jappoġġaw użu akbar tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti, filwaqt li jipprijoritizzaw metodi u tekniki mhux kimiċi għall-kontroll tal-pesti fuq l-użu tal-pestiċidi, bi prijorità mogħtija lill-pestiċidi b'riskju baxx b'impatt iktar baxx fuq il-pollinaturi selvaġġi; JENFASIZZA li, f'dan ir-rigward, huwa meħtieġ ukoll appoġġ għar-riċerka; u JINDIKA li d-disponibbiltà ta' tali soluzzjonijiet hija importanti għall-bdiewa Ewropej u l-użu adatt tagħhom jenħtieġ li jitħeġġeġ għall-benefiċċju kemm tal-agrikoltura kif ukoll tal-ambjent.

⁵ https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/3295?utm_source=rss&utm_medium=rss.